# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' April, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 423/01GV**

**Dereco Stores Limited gja' bl-isem ta' Derek Cold Stores Limited**

**vs**

**Rinella Entertainment Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm3,278.41 (tlett elef, mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghall-diversi konsenji ta' laham u ikel iehor mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok. 'B'.

Premess illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan il-bilanc xorta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (dok. A) a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' Artikolu 167 - 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm3,278.41 (tlett elef, mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu);

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra bonarja tas-16 ta' Novembru, 2000 tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar, 2001 u bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru, 2000 data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Victor Ross;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**